# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 548

Il-Ħamis, 25 ta' Awwissu, 2022

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

SKUŻATI:

Paul Mizzi- Viċi Sindku
Alvin Grech – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**
*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 548.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Is-Sinjuri Paul Mizzi u Alvin Grech talbu li jigu skuzati minhabba ragunijiet ta' xoghol. Hadd ma sab oggezzjoni

## 548.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 548.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

548.3.1 Il-Kunsill Lokali rċieva l-LA mill-WSC għal Triq Għajn Tuta. B'hekk, malli jgħaddulna l-flus minn naħa tal-WSC inkunu nistgħu nagħtu l-ordni lill-kuntrattur biex jibda x-xogħolijiet.

548.3.2 Irċevejna ittra mill-ARMS fejn tgħid li hemm somma ta' Eur1,110.95 ta' użu tal-ilma fil-meter tal-Playing Field li qed tiġi kkalkulata b'lura għas-sena 2019 u li jridu jitħallsu. Tkellimna mal-President ta' Kercem Ajax FC u qal li dak l-ilma qed jintuża minn naħa tagħhom u għalhekk se jiġi jħallas hu.

548.3.3 Is-Sindku semma l-Clean up li se ssir f'Settembru u spjega fejn se jkun qed jitnaddaf u x'ser isir.

548.3.4 Ser nerġgħu noħorġu l-offerta għall-playing equipment u *benches* għall-proġett tal-Għadira.

548.3.5 Is-Sindku tkellem dwar Ċirkulari SPI/SCI/09/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom. Huwa ssuġġerixxa li napplikaw sabiex nagħmlu tisbiħ quddiem l-Għadira ta' San Raflu u jsir tisbiħ fi Triq Qasam San Ġorġ. Dawn iż-żewġ proġetti diġa' għandna l-pjanti u l-BOQs tagħhom u għalhekk nistgħu immexxu fuqhom. Il-Kunsill qabel ma' dan u ikkonferma illi huwa dispost li jiffinanzja l-bilanċ tal-flus tal-applikazzjoni.

## 548.4 Ċirkulari SPI/SCI/8/2022 – Finanzjament Milied 2022

Is-Sindku ddiskuta dan il-finazjament ma' sħabu l-Kunsilliera u huwa spjega x'inhi l-intenzjoni tiegħu għal din l-attivita'. Il-Kunsill iddeċieda li japplika għal proġett sħiħ u ikkonferma illi huwa dispost li jiffinanzja l-bilanċ tal-flus tal-applikazzjoni.

## 548.5 Ħruġ ta' offerta għal van tal-elettriku

Is-Sindku vaża lill-Kunsill li erġajna ħriġna din l-offerta peress li ta' qabilha ma setgħetx tiġi *awarded.*

## 548.6 Miżura 4 – Proġett tal-Għadira

Dan il-proġett għandu jinbeda fil-ġimgħat li ġejjin.

## 548.7 Miżura 3 – Attractions and innovative events for all seasons

Is-Sindku semma li applikajna għal dawn il-fondi. Primarjament, il-ħsieb kien li napplikaw għat-tranġar fejn l-Għadira, tranġar fuq Għar Ilma u anke tisbieħ fi Triq Qasam San Ġorġ. Madanakollu, meta l-Perit lestiet il-BOQs, dawn telgħu ħafna aktar milli stennejna. Għalhekk kellna nwaqqgħu l-applikazzjoni billi applikajna għal tisbieħ għal fuq Għar Ilma u ssir attivita' ukoll. Kellna ukoll problema b'xi karti tal-partner li daħħalna magħna u għalhekk tlabna li nibdlu l-partner. Issa qed nistennew risposta.

## 548.8 Berġa tas-Saħħa

Wara li rrispondejna l-ittra legali tal-Primary Health Care permezz tal-Avukat tal-Kunsill, minn naħa tal-Primary Health Care ġabu ċ-ċwievet lura. Hawnhekk is-Sindku fakkar li s-servizz tat-tabib tal-berġa kien inqata' u għalkemm dan kien servizz tajjeb ħafna u r-residenti għadhom jitolbu għalih sal-lum, minn naħa tal-Primary Health Care, mhumiex ser jerġgħu jagħtuh. Għalhekk, huwa ssuġġerixxa li nibdew nagħtu s-servizz ta' tabib, siegħa kuljum, mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Huwa qal li diġa tkellem ma' tabib partikolari li r-rata tiegħu tkun ta' Eur27 kull siegħa li hija r-rata ta' tabib tal-clinic. Il-membri tal-Kunsill qablu kollha flimkien li jibda jingħata dan is-servizz u għalhekk ser inlestu l-affarijiet biex dan is-servizz jerġa' jibda jingħata malajr kemm jista' jkun.

## 548.9 Għeluq temporanju tal-Playing Field gewwa l-Kumpless Sportiv Raymond Mercieca

Is-Sindku qal li kellna nagħlqu dan il-Playing Field peress li hemm xi affarijiet ta' periklu u rridu nagħmlu minn kollox biex nevitaw li jweġġa' xi ħadd.

## 548.10 Ħarġa għal Malta 2022

Is-Sindku ssuġġerixxa li nerġgħu norganizzaw il-ħarġa ta' Malta. Huwa ssuġġerixxa li

ssir nhar it-Tlieta 20 ta' Settembru fejn immorru bil-Fast Ferry, naqbdu d-dgħajsa għall-Birgu fejn nisimgħu quddiesa u jmorru l-monti. Wara nerġgħu immorru l-Belt fejn ikuun ħin ta' mistrieħ u ħin għall-ikel. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

## 548.11 Ilmenti u Suġġerimenti

548.11.1 Saret talba biex titranġa bankina fi Triq Klula. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

548.11.2 Saret talba minn naħa tal-Għaqda tan-Nar sabiex jikru garaxx minn tal-Kunsill. Bħalissa ma għandniex vojta. Jekk ikollna vojta ninfurmawhom u sar qbil li jekk jieħdu garaxx mill-kbar jinkera għal Eur500 fis-sena u jekk ikun miż-żgħar, jinkera għal Eur250 fis-sena. Sar qbil ukoll illi fil-kundizzjonijiet irid jitniżżel illi għall-ebda raġuni ma jista' jinħażen materjal li jista' jieħu n-nar.

## 548.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 548.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.05pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis, 22 ta' Settembru, 2022 fil-5pm. ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |